25 ta' Frar 2016
17/2016

## APPLIKAZZJONIJIET TARD GĦAD-DĦUL FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA GĦAL 'APPLIKANTI OĦRA'

Il-Bord għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja jixtieq javża li s-Segretarjat tal-Edukazzjoni Nisranija ser jilqa' applikazzjonijiet tard (*late applications)* skont il-Kriterju 'Applikanti Oħra', għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja fl-ewwel sena kindergarten, it-tieni sena kindergarten, l-ewwel sena primarja u l-ewwel sena sekondarja. Dawn l-applikazzjonijiet, għas-sena skolastika li tibda f'Settembru 2016, ser jintlaqgħu nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Frar 2016, bejn id-9:00 a.m. u s-1:00 p.m., fil-Kurja tal-Arċisqof, il-Furjana. Aktar dettalji jinsabu fuq il-websajt www.thechurchinmalta.org

Matul il-ġimgħat li għaddew, is-Segretarjat laqa' applikazzjonijiet għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja, u informa lill-applikanti u ppublika fuq il-websajt tal-Knisja f'Malta, kemm baqa' postijiet fl-iskejjel tal-Knisja wara li ġew milqugħa l-applikazzjonijiet tal-Ewwel Kriterju f'Novembru 2015. Is-Segretarjat qed jippublika wkoll fuq il-websajt tal-Knisja f'Malta, il-polza tal-każijiet serji ta' Skola bla Kontinwità u anke l-applikanti tal-Ewwel Kriterju, skola, skola.

F'Jannar, is-Segretarjat informa wkoll li, fis-sena skolastika li tibda f'Settembru 2016, ser tiżdied klassi fit-tieni sena kindergarten fl-iskola ta' St Joseph, Blata l-Bajda. Dan ifisser żieda ta' 14-il post għall-bniet. Is-Segretarjat informa wkoll lill-pubbliku bil-postijiet vakanti fl-ewwel sena primarja fl-iskejjel ta' St Francis, Birkirkara, Bormla u Msida, jiġifieri 55 post għas-subien u 11-il post għall-bniet.

Is-Segretarjat jixtieq javża li baqa' dawn il-postijiet vakanti għal 'Applikanti Oħra': fl-ewwel sena sekondarja għas-subien baqa' 106 u għall-bniet 15; fl-ewwel sena primarja għas-subien baqa' 234 u għall-bniet 115; fit-tieni sena kindergarten għas-subien baqa' 90 u għall-bniet 201; fl-ewwel sena kindergarten għas-subien baqa' 36 u għall-bniet 58. Dawn il-postijiet kollha f'daqqa jgħoddu 855 post, kif jidher fit-tabella hawn taħt.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

| ***Postijiet Vakanti għal kull livell bniet u subien fis-sena skolastika li tibda f'Settembru 2016*** | |
|---|---|
| ***Livell ta' Dħul*** | ***Postijiet*** |
| *L-ewwel sena sekondarja subien* | 106 |
| *L-ewwel sena sekondarja bniet* | 15 |
| *L-ewwel sena primarja subien* | 234 |
| *L-ewwel sena primarja bniet* | 115 |
| *It-tieni sena kindergarten subien* | 90 |
| *It-tieni sena kindergarten bniet* | 201 |
| *L-ewwel sena kindergarten subien* | 36 |
| *L-ewwel sena kindergarten bniet* | 58 |
| ***Total*** | **855** |

Dawn il-figuri huma ftit differenti minn dawk diġà ppublikati għaliex ġew konklużi xi każijiet li kienu għadhom qed jiġu proċessati.

Għad iridu jiġu aċċettati xi każijiet serji skont it-tielet kriterju. Fost l-'Applikanti Oħra' jkun hemm ukoll aħwa li qed japplikaw għall-istess sena (p.eż tewmin) jew għal snin tad-dħul differenti u meta wieħed minn dawn l-aħwa jirreġistra fi skola, iż-żgħir jikkwalifika skont il-Kriterju tal-Aħwa. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti għad jerġa' jonqos. Aktar informazzjoni tingħata qabel ma jsiru l-poloz f'Marzu u f'April 2016.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**